

Brussell, 12 ta' Novembru 2024  
(OR. en)

15183/24

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0287(NLE)**

---

---

**ECOFIN 1245  
UEM 383  
FIN 957**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	L-Irkupru Ekonomiku fl-Ewropa: - Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Bażi legali: l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241)

---

1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, kif tinsab fid-dokumenti ST 10160/21 + ADD 1 REV 2, approvat il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") tal-Italja f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata aktar tard fid-19 ta' Settembru 2023, fit-8 ta' Diċembru 2023 u fl-14 ta' Mejju 2024.
2. Fl-10 ta' Ottubru 2024, l-Italja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Italja ppreżentat RRP emendat.

3. L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Italja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 21 miżura, li minnhom 13-il miżura huma modifikati abbażi tal-eżistenza ta' alternattivi aħjar u 8 għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv.
4. Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Italja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u vvalutat b'mod pożittiv l-RRP modifikat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241.
5. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fil-11 ta' Novembru 2024 u ma għet espressa l-ebda oġġezzjoni.
6. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti 15114/24 + ADD 1 REV 1.

7. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':
  - a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, kif tinsab fid-dokument ST 15114/24, u
  - b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, kif jinsab fid-dokument ST 15114/24 ADD 1 REV 1, u
- jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.